# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 31 ta' Mejju 2021**

**Talba Nru: 412/17 JG**
**Numru fuq il-lista: 3**

**Euro Tax Consulting Ltd (C 61249)**

**Vs**

**A21C Holding Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-1 ta' Settembru 2017, permezz ta' liema, s-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas l-

ammont ta' disa' mija u wieħed u disgħin Ewro u għoxrin ċentesmu (€991.20). Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' ittra legali u l-imgħax[1];

Ra d-dokumenti annessi mal-istess Avviż tat-Talba;

Ra r-Risposta għat-Talba ippreżentata fil-10 ta' Novembru 2020, permezz ta' liema s-soċjetá konvenuta laqgħet għal dawn il-proċeduri b'eċċezzjoni ġenerali u filwaqt li stqarret li kienet ingaġġat s-soċjetá attriċi sabiex tagħmel xogħol kif deskritt fl-Avviż tat-Talba iżda tispjega li dan ma sarx, u fejn sar, sar b'nuqqas ta' professjonalitá u diliġenza.[2];

Ra n-nota tas-soċjetá konvenuta fejn spjegat f'aktar dettal it-tielet eċċezzjoni tagħha[3];

Ra x-xhieda reġistrata mogħtija mill-partijiet f'diversi seduti quddiem dan it-Tribunal kif preċedentement presedut;

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[4];

Semá t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta[5];

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] A fol 29.
[3] A fol 31.
[4] A fol 98.
[5] Hekk kif kien ordnat fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2020. Trattazzjoni tinsab a fol 103 *et seq.*

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, x-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri. Dan qiegħed isir anke għaliex x-xhieda ma ġietx mismugħa minn dan it-Tribunal kif issa presedut, u għalhekk qiegħed jagħmel hekk sabiex iserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda ġiet debitament mixtarra.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2018, xehdet Michela Arena, kemm in eżami u in kontro-eżami[6]. Bażikament din ikkonfermat li hija junior accountant fi ħdan is-soċjetá attriċi u kkonfermat is-servizzi li ngħataw lis-soċjetá konvenuta. Tgħid li sa fejn taf hi ma kien hemm l-ebda problema fir-relazzjoni sakemm l-fatturi ġew ikkontestati f'Ottubru tas-sena 2017. Ippressata fil-kontro-eżami tibqa tiċħad lis-soċjetá konvenuta qatt pprotestat dwar il-livell tas-servizz provdut. Ġie ppreżentat dokument li huwa *Statement of Account*[7].

Illi Christian Heinermann, wieħed mid-diretturi tas-soċjetá konvenuta, xehed permezz t'affidavit[8]. Jispjega lis-soċjetá konvenuta, flimkien ma soċjetá oħra fejn huwa wkoll direttur, kienu ngaġġaw lis-soċjetá attriċi fit-3 ta' Mejju 2016 sabiex jagħmlu dak neċessarju sabiex jinfetħu dawn is-soċjetajiet. Jispjega lis-soċjetá attriċi

6

7 Dok AM1, a fol 39.

8 Ippreżentat permezz ta' nota li tinsab a fol 48.

kienet naqset milli tagħmel distinzjoni bejn dawn iż-żewġ soċjetajiet, b'mod illi l-fatturi rigwardanti l-ispiża ġiet mibgħuta u indikata biss lis-soċjetá l-oħra u ċioé Sodecarp Limited. B'hekk Sodecarp Limited spiċċat tieħu aktar Valur Miżjud lura, u dan skond hu minħabba frodi da parti tas-soċjetá attriċi. Jgħid li huwa tkellem mas-soċjetá attriċi u talab ukoll li l-fatturi mensili jieqfu sakemm tiġi solvuta din il-problema. Jispjega li ma setax jemmen meta, wara li saret korrezzjoni, ġie rinfaċċjat b'fattura oħra. Jispjega wkoll li, skond hu, f'Lulju 2017 huwa mar għand l-MFSA u sab li l-kapital inizjali kien tħallas f'ammont ta' €1,975 minn kont ta' ċertu Sur Brincat u €25 rimanent mill-kont tas-soċjetá attriċi. Għalih, din kienet ukoll prova ta' negliġenza. Jispjega wkoll li l-kapital ta' Sodecarp Limited (li hija sussidjarja tas-soċjetá konvenuta) ġiet wkoll depożitati b'modalitá simili. Jgħid ukoll li dawn ġew depożitati mhux f'isem is-soċjetá konvenuta iżda f'isem id-diretturi. Finalment jispjega li huwa kien ingaġġa s-servizzi ta' nies oħra. Ġew eżebiti numru ta dokumenti[9].

Illi fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2019, xehdet Emalaise Lofaro, rappreżentant tal-Malta Financial Services Authority[10]. In breve, din spjegat li s-soċjetá attriċi m'hijiex liċenzjata bħala *company service provider* ai fini tal-Kapitolu 529 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġie ppreżentat estratt tal-Att Nru. XX tas-sena 2013[11]. Ma sar l-ebda kontro-eżami lil dan ix-xhud, liema dritt ġie rrinunzjat fl-14 ta' Diċembru 2020.

Illi finalment, reġa xehed Christian Heinermann, in kontro-eżami[12]. Dan spjega lid-dokumenti minnu annessi mal-affidavit kienu jirrisalu għal qabel Jannar 2017.

[9] A fol 51 *et seq.*
[10] A fol 65 *et seq.*
[11] Dok EL, a fol 67 *et seq.*
[12] Seduta tal-21 ta' Frar 2020.

Spjega li huwa kien ħallas ukoll għas-servizzi fejn kien sar l-iżball, iżda qatt ma għamel talba sabiex jieħu l-flus lura. Jispjega wkoll li l-fatturi rigwardanti l-inkorporazzjoni tas-soċjetá konvenuta ġew ukoll mħallsa. Fl-aħħar tax-xhieda jagħlaq milli jgħid li huwa kien ħallas is-somma ta' €23,000 sabiex jkopru kull spiża. Dwar is-Sur Gabriel Brincat, jispjega li dan ġie introdott lilu bħala impjegat tas-soċjetá attriċi. Jgħid li huwa waqqaf il-kuntatt f'Marzu 2017. Jgħid peró li kien hemm arranġament informali, qisu ta' ħbiberija, li dawn il-fatturi ma jitħallsux. Jgħid li peró ma kienx hemm terminazzjoni formali, b'mod skritt.

Illi epurata din l-espożizzjoni fattwali qasira jmiss li t-Tribunali jinvesti fl-aspetti legali tal-vertenza odjerna.

Illi b'introduzzjoni peró, jrid jiġi senjalat li għalkemm huwa minnu li dan it-Tribunal huwa regolat bi prinċipji speċjali u huwa wkoll iddeterminat b'sens ta' ekwitá, jrid pero jingħad lit-Tribunal ma jistax jagħmel tajjeb hu għan-nuqqas ta' parti li tipprova hi allegazzjoni. M'huwiex għal min huwa mistenni jiġġudika li jittanta jagħmel tajjeb hu għall-ommissjonijiet hu stess jekk parti tonqos jew tkun hekk ommissiva fil-fażi tal-ġbir tal-provi. Dan jgħodd għaż-żewġ kontendenti, kif sejjer jiġi amplifikat aktar tard f'din id-deċiżjoni.

Illi f'moħħ it-Tribunal jirriżulta li r-relazzjoni bejn il-kontendeni hija dik ta' *locatio operis*[13] u b'hekk il-massima li sservi bħala bażi għal-istanza attriċi hija dik li *omnia*

[13] Għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 1623 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-tip ta' relazzjoni ġiet ikkonfermata bħala tali fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Buttigieg vs Phone Direct Limited** (Appell Ċivili Numru: 310/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-18 ta' Ottubru 2006. Il-Qorti, li kienet qiegħda teżamina azzjoni b'relazzjoni simili qalet hekk: *"Huwa fatt inkontrastat illi l-attur gie imqabbad mis-socjeta` konvenuta jaghmel xoghol ta' accountant. Tali ftehim certament jikkonfigura bhala wiehed ta' "locatio operis" definit fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Essenzjalment dan igib li min jippresta s-servizzi tieghu proprji, taht kwalsiasi forma*

*labor optat premium*[14]. Bl-azzjoni odjerna, s-soċjetá attriċi qiegħda titlob ħlas għas-servizzi professjonali mogħtija minnha, wara li ġiet ingaġġata biex tagħmel hekk mis-soċjetá konvenuta[15].

Illi kif rajna fir-riassunt hawn fuq magħmul, is-soċjetá konvenuta għażlet li tilqa' għal din l-azzjoni b'eċċezzjonijiet biss, mingħajr ma ntavolat kontro-talba. L-eċċezzjoni hija fis-sens li x-xogħol reklamat ma sarx, u jekk sar, sar b'nuqqas ta' professjonalitá dovuta. Aktar tard imbagħad (għalkemm mhux b'eċċezzjoni formali), s-soċjetá konvenuta tallega lis-soċjetá attriċi qatt ma setgħet tippresta dan ix-xogħol, minħabba nuqqas ta' liċenzja uffiċjali.

Illi minn eżami kemm ta' l-eċċezzjonijiet u tax-xhieda prodotta, jirriżultaw inkonsistenzi mis-soċjetá konvenuta, liema inkosistenzi ma kienux t'għajnuna għal-posiżżjoni legali li ħadet.

Illi qabel xejn, jrid jiġi rimarkat li l-azzjoni tas-soċjetá attriċi hija għal ħlas ta' servizzi professjonali, marbuta ma xogħol ta' komputista għal-perjodu bejn Jannar 2017 sa Lulju 2017. Dan huwa l-perjodu rilevanti biss. It-Tribunal iħoss il-ħtieġa li

---

*u ghall-vantagg ta' haddiehor li jkun hekk inkarigah, jisthoqqlu li jigi retribwit. Dan fuq l-istregwa tal-massima tradizzjonali maghrufa "omnia labor optat premium".*

[14] Fis-sentenza fl-ismijiet **Nicky Saliva vs Kunsill Lokali Nadur** (Appell Ċivili Numru: 111/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar 2 ta' Marzu 2010, dik il-Qorti rriferiet għal sentenza oħra preċedenti fejn intqal li *"Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita,*
*min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit.*
*Dan in omagg principju illi omnia labor, optat premium..."*

[15] Madanakollu, għalkemm huwa msemmi kuntratt datat 2 ta' Mejju 2016 (*vide* nota a fol 31), ħadt mill-kontendenti m'eżebixxa dan il-ftehim, li seta kien t'għajnuna għal dan it-Tribunal. Dan huwa wkoll ta' rilevanza minħabba dak li jiddisponi l-artikolu 1624 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

jirrimarka fuq dan, għaliex mix-xhieda tad-direttur tas-soċjetá konvenuta, jidher li dan aktar jiffoka fuq nuqqasijiet ta' xogħol preċedenti.

Illi dwar is-servizz provdut f'dan il-perjodu, u ċioé bejn Jannar 2017 u Lulju 2017, d-direttur tas-soċjetá konvneuta stess qatt ma nnegga li fil-fatt dan is-servizz ingħata. Għalkemm jgħid li huwa waqqaf il-kuntatt minn mas-soċjetá attriċi f'Marzu 2017, ma ġie ppreżentat l-ebda dokument sabiex jipprova dan. Għal dan it-Tribunal, ma hemm l-ebda dubju li fil-fatt is-servizzi għal dan il-perjodu ngħata.

Illi b'hekk l-ewwel parti tat-tieni eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda.

Illi mbagħad, is-soċjetá konvenuta tutilizza t-tieni linja difensjonali billi tgħid lix-xogħol magħmul kien wieħed traskurat, negliġenti u li wassal għal-problemi wkoll mal-awtoritajiet rilevanti. Iżda, minn eżami tad-dokumenti mressqa u mix-xhieda tas-soċjetá konvenuta stess, jirriżulta li dak li qiegħda tillanja minnu jirrigwarda xogħol preċedenti u mhux dak ix-xogħol relatat ma *accountancy* għal-perjodu mertu ta' din it-talba. Fil-fatt, l-enfasi tad-direttur fix-xhieda tiegħu, kemm in eżami u in kontro-eżami huwa dwar nuqqasijiet waqt il-fażi inizjali tal-inkorporazzjoni tas-soċjetá konvenuta ( u ta' soċjetá oħra li lanqas hija parti f'dawn il-proċeduri). Bid-dovut rispett, t-Tribunal ma jistax b'hekk iqis li  kien hemm xi nuqqasijiet għax-xogħol li seħħ fil-perjodu bejn Jannar 2017 u Lulju 2017. Wara kollox, jrid jiġi mfakkar li l-oneru tal-prova għal eċċezzjoni simili tirraġira fuq il-parti konvenuta u dan anke in omaġġ tal-massima "reus excipiendo fit actor"[16].

[16] Fis-sentenza fl-ismijiet **Elena Agius vs Giuseppe Clancio nomine** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Lulju 1939 (Kollezz Vo. XXX.i.395), liema sentenza hija konsistentement iċċitata mill-Qrati tagħna, ntqal li *"f'certu kazi l-konvenut bl-eccezzjoni tieghu isir attur in forza tal-principju reus excipiendo fit actor, u ghalhekk ikun obbligu tieghu li jipprova dak li jkun eccepixxa fl-istess azzjoni"*

Illi matul is-smiegħ feġġet linja difensjonali oħra u ċioé nuqqas ta' liċenzja. Issa hawnhekk it-Tribunal iħoss il-ħtieġa li jiftaħ parentesi qasira.

Illi kif huwa magħruf, konvenut fi proċeduri jista jagħżel li jillimita ruħu għal difiża, b'eċċezzjonijiet biss, u b'hekk ikun qiegħed jistieden lill-ġudikant jagħraf biss jekk dawk l-eċċezzjonijiet jinnewtrallizzawx l-azzjoni proposta mill-parti attriċi. Jekk imbagħad, konvenut, ikun irid li l-ġudikant jamplifika dak mitlub minnu għandu jiddeduċi din bil-forma rikjesta u ċioé b'talba rikonvenzjonali. Is-soċjetá għażlet li ma tinqediex b'din l-arma[17].

Illi lura għal kwistjoni dwar nuqqas ta' liċenzja. Hawnhekk, it-Tribunal irid iqies kliemu sew, b'tali mod li ma jippreġudikax xi azzjoni futura li tista tiġi talvolta tiġi istitwita fuq dan l-aspett. Għalhekk m'huwiex sejjer jirrimarka dwar jekk dan in-nuqqas (jekk allura jista jissejjaħ hekk) jolqotx ix-xogħol ta' liema qiegħed jintalab il-ħlas permezz ta' dawn il-proċeduri, u sejjer jibqa sieket fuq id-definizzjoni kif tinstab fil-Kapitolu 529 tal-Liġijiet ta' Malta. Però, anke li kieku kellu jinstab li kien hemm ħtieġa ta' liċenzja, dan il-fatt waħdu ma jinnewtrallizżax it-talba għal-ħlas (li

---

[17] It-Tribunal hawnhekk, kemm fuq dan il-punt, iżda anke għaliex il-fatti tal-proċeduri li sejrin jiġu issa indikati huma simili għal dawk hawnhekk eżaminati, jħoss opportun li jirreferi għas-sentenza ta' dan it-Tribunal iżda diversament presedut fl-ismijiet **Nicolette Mahoney pro et noe vs Jacksons Co. Limited** (Talba Nru 229/2018 KCX) mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2019. Apparti l-fatt li l-fatti huma simili, wieħed huwa mistieden jaqra din id-deċiżjoni anke minħabba r-rakkolta rikka ta' ġurisprudenza lokali u estera kif ukoll minħabba l-espożizzjoni ta' diversi aspetti dottrinali li solitament jagħmel dan it-Tribunal kif hemmhekk presedut, s-sentenzi ta' liema ma jistgħux jitqiesu ħlief ta ġieħ għall-ġurisprudenza nostrana.

hija l-unika azzjoni li għandu quddiemu dan it-Tribunal) iżda jista semmai jiġi biss iwassal għal-proċeduri oħra[18].

Illi għalhekk dan l-aspett qiegħed jiġi miċħud.

Illi finalment, bl-applikazzjoni ta' dak li jrid l-artikolu 1624 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal iqis fiċ-ċirkostanzi li l-ammont reklamat m'huwiex wieħed esaġerat iżda huwa wieħed raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.

Illi mill-assjem tal-provi u l-kunsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, t-Tribunal huwa moralment konvint lit-talbiet tas-soċjetá attriċi għandhom jintlaqgħu. Iżda hawnhekk, t-Tribunal jrid jirrimarka li skond id-dokument eżebit minn Michela Arena[19] jirriżulta li għalkemm l-ammont bilanċjali jidher li huwa ta' €1,132.80, l-Avviż tat-Talba qiegħed jitlob kundanna fuq ammont anqas. Huwa dan l-aħħar ammont li sejjer jittieħed in konsiderazzjoni.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetá konvenuta, jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna s-soċjetá konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi l-ammont ta' disa' mija u wieħed u

---

[18] Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Pace et vs Maria Pace** (Ċitazzjoni Numru : 486/2005) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-25 ta' April 2017 (mhux appellata), intqal hekk: *"L-intimata sostniet, anke tramite t-tmien eccezzjoni taghha, li x-xoghlijiet kollha li saru fil-fond taghha saru bla permess, tant li kellha tkun hi li sussegwentement applikat ghall-permessi mehtiega mal-Awtorita` tal-Ippjanar, fejn irrizulta li kellha wkoll tbiddel l-aperturi tal-faccata sabiex dawn ikunu konformi mal-permessi legali. Dwar dan il-kuncett, kif intqal fil-kaz "Mercieca vs Laferla" deciza mill-Qorti talAppell fil-21 ta' Jannar 1994, u fil-kaz George Sladden vs Albert Mais et, deciza mill-Prim' Awla fis-27 ta' Jannar 2005; xoghol li jsir bla licenzja ghandu l-aspetti tieghu civili li jaghtu lok ghal danni, izda ma jikkancellawx id-dritt ghallhlas ghaliex "omnia labor optat premium". Dan ifisser li r-rikorrenti xorta huma intitolati ghall-kumpens tax-xoghol li wettqu li qed jigi utilizzat mill-intimata bhala sid tal-imsemmi fond".*

[19] Rendikont immarkat bħala Dok AM1 li jinsab a fol 39.

disgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€991.20), bl-imgħax legali iżda biss fuq l-ammont ta' tminn mija u erbgħin Ewro (€840) mill-1 ta' Settembru 2017[20] sad-data tal-pagament effettiv u finali.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, iżda mhux dawk tal-ittra legali datata 22 ta' Awwissu 2017[21], jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[20] Dan qiegħed deċiż hekk minħabba li l-ammont mitlub jinkludi wkoll t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Dan ta l-aħħar, li skond il-fatturi u l-liġi nostrana, huwa ammontanti għal €151.20 huwa import ta' natura fiskali li ma jistax jattira imgħaxijiet favur is-soċjetá attriċi.
[21] Dan peress li ma ġietx ippreżentata l-irċevuta fiskali relattiva.